Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,638, 3 ta' Lulju, 1998
Taqsima B

A.L. 167 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B. Accty (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B. Accty (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B. Accty (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal korsijiet li jibdew f'Ottubru 1998 jew wara.

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (a) u (b) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. Kandidat jista' jidħol fil-Kors jekk:

Jew

(a) jissodisfa r-rekwiżiti kollha li jwasslu għall-grad ta' Bachelor of Commerce (B.Com.) u tqiegħed fil-Kategorija IIB jew aħjar, u għadda mill-erba' karti fl-*Accountancy* b'minimu żewġ Gradi B u żewġ Gradi Ċ (Grad B ieħor jew Grad A wieħed għandu jikkompensa għal mhux aktar minn Grad D wieħed);

Jew

(b) jissodisfa r-rekwiżiti kollha li jwasslu għall-grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing) u tqiegħed fil-Kategorija IIB jew aħjar, u għadda mill-erba' karti fil-*Business* b'minimu ta' Grad B u tliet Gradi Ċ (Grad B ieħor jew Grad A wieħed għandu jikkompensa għal mhux aktar minn Grad D wieħed); iżda kandidati aċċettati taħt din il-klawsola għandhom jgħaddu minn Eżami Intermedju li jikkonsisti mill-erba' karti ta' l-Eżami Finali fl-*Accountancy* tal-grad tal-B.Com., u jiksbu l-minimu ta' żewġ Gradi B u żewġ Gradi Ċ (Grad B ieħor jew Grad A wieħed għandu jikkompensa għal mhux aktar minn Grad D wieħed) qabel ma jitħalla joqgħod għall-Eżami Finali."